# 30 Sena Ilu: Il-Fratellanza tal-Beata Verġni Mmakulata Taħt it-Titolu minn Ta' Lourdes

Prokuratur: Pinu Axiaq

Il-Ħadd 13 ta' Lulju 1958, hija ġurnata mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja twila tal-Fratellanza tal-B.V.M. taħt it-Titolu min ta' Lourdes, fir-raħal tagħna. F'din il-ġurnata, tletin sena ilu il-Fratellanza reġgħet if-funzjonat mill-ġdid, jiġifieri ħarġet proċessjonalment fil-festa tal-Patruna tagħHa, wara sospensjoni ta' 23 sena.

Dan seta' jkun possibbli wara li l-Eċċ Revsma. Mons. Arċisqof Sir Michael Gonzi, għoġbu jerġa jwaqqaf din il-Fratellanza tant għażiża għalina; f'għeluq iċ–ċentinarju mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes, fi Franza. Huwa għoġbu jagħti il-kunsens b'Digriet fis-7 ta' Lulju 1958, wara li nves-tiga d-dokumenti kollha.

Il-lum il-Fratellanza għandha 110 snin min meta ġiet oriġinarjament imwaqqfa fil-Parroċċa tagħna, għaliex il-Fratellanza baqgħet teżisti, imma sospiża. Din id-devozzjoni daħħalha fost il-Qrendin il-Kappillan Dun Pietro Pawl Xuereb li wara ftit ta' żmien li kien ilu f'dan ir-raħal beda jxerred dina d-devozzjoni lejn l-Immakulata Maria taħt it-Titolu min ta' Lourdes. L-ewwel li għamel kien inkwatru tax-xbiha tal-Madonna li jġib l-Arma tal-Familja Xuereb li illum jinsab fis-Sagristija. Meta ra li d-devozzjoni kibret sewwa, il-Kappillan Dun P.P. Xuereb ppreżenta rikors sabiex iwaqqaf din il-Fratellanza, u li ġie Degretat fil-21 ta' Jannar 1878, għoxrin sena wara d-dehriet tal-Madonna gewwa Lourdes. Wara pprezenta Rikorsi oħra biex tiġi magħquda u unita mal-Kongregazzjoni PRIMA PRIMARIA b'Diploma datata 23 ta' April 1878 u ma l-Arċisolidalita tas-Sinjura Tagħha ta' Lourdes, b'Diploma datata 7 ta' Mejju 1878. Huwa ta' unur kbir għalina li l-Fratellanza tagħna hija unita ma dawn iż–żewġ Kongrezzjonijiet li huma eretti t-tnejn fil-Belt ta' RUMA.









Tletin sena ilu, din ix-xena sabiħa tal-Madonna taħt il-Mant Celesti reġgħet feġġet fil-knisja parrokkjali tar-raħal tagħna:- Grazzi għad-devozzjoni kbira li missirijietna baqu' jgħożżu u għad-dedikazzjoni kbira tagħhom. Id-determinazzjoni kienet xi ħaġa ta' min ifaħħara. Bl-imħabba u bit-talb, fl-aħħar il-Madonna reġgħet tatna l-grazzja li mill-ġdid narawha toħroġ proċessjonalment u tbierek it-toroq prinċipali tar-raħal tagħna. Fl-20 ta' Ġunju 1956 kien ġie ppreżentat Rikors il-Kurja Arċiveskovili għan-nom tal-Konfraternita, ffirmat mis-Sinjuri Carmelo Aquilina, George Cassar, Giuseppe Bugeja, Giovanni Farrugia u Angelo Cassar u ffirmat ukoll mill-Avv. Dott. Kan. Dun Amante Buontempo, avukat tas-Sagra Rota Rumana, sabiex dina l-fratellanza terġa' titwaqqaf.
U sentejn wara, l-grazzja nqagħlet. L-aħbar sabiħa ġriet mar-raħal kollu bħal berqa. Kullmin verament iħobb il-Madonna, feraħ dakinhar. Wara tant snin siekta fin-niċċa tagħha, issa din l-istatwa tal-Madonna setgħet terġa toħroġ proċessjonalment mar-raħal tagħna. Kif kienet talbet Hi stess lil Bernadette fil-grotta ta' Lourdes, biex tinbena knisja ħalli jkollha l-Qima tal-Insara, u qaltilha wkoll biex issir proċessjoni. Il-merħba mqanqla li ngħatat fl-ewwel dehra tagħha fil-bieb tal-knisja, il-Ħadd 13 ta' Lulju 1958, kienet xena li ma tintesa' qatt. Biżżejjed insemmu li dak inhar ipparteċipaw fil-purċissjoni fuq 170 fratell. Kien sar bħal ftehim li l-Istatwa tal-Madonna tiġi merfugħa mill-iżjed nies anzjani, fosthom Anglu Spiteri, Petru Magri, Mikiel Abdilla u Pawlu Falzon.
J'Alla din il-Ħeġġa u d-devozzjoni lejn Ommna Maria tkompli tikber u tissaħħah bit-talba li qaltilna hija stess biex ngħidu r-Rużarju Mqaddes. F'din is-sena Marjana, l-Madonna ser ittina grazzja oħra speċjali fir-raħal tagħna. Ir-ritorn tal-istatwa tal-Madonna mir-Restawrar ser nfakkruh billi ser isir Pellegrinaġġ u tiġi ċċelebrata Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għall-morda kollha. Nieħu l-okkazzjoni u nistieden in-nies tar-Raħal kollha speċjalment il-morda għal dan l-avveniment uniku sabiex il-Madonna tkompli tkattar il-grazzja tagħha fina u tgħina spiritwalment u materjalment.